**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kawża numru: 96/2013 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**David Gatt**

**Illum 28 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

David Gatt ta' 35 sena, iben Alfred u Rita nee' Azzopardi, imwieled Mtarfa fis-17.02.1977, residenti [ewwa Savoy TCE Crt Dapi, M4, Triq Luqa Briffa, Gżira, ID nru: 153677(M).

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fid-9 ta' April 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data:-

(a) Kellek fil-pussess tiegħek id-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta'l-Ordinanza dwaril-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma

kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skond ir-rċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwaril-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħek.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tiratta mal-imputat bħala wieħed li sar reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputat hjh iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-15 ta' Marzu 2024;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2024, il-partijiet ddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat ukoll illi fis-seduta datata 16 ta' Novembru 2015, id-difiża tablet lill-Qorti biex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi bil-għan li turi li r-rekwiżiti meħtiega ai termini tal-

Artikolu 8(2) tal-istess Kapitolu huma sodisfatti, kif ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu laqgħet din l-aħħar talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija;

Rat id-digriet tagħha datat 13 ta' Marzu 2019, li permezz tiegħu din il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u għalhekk irreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ix-xhieda ta' Joanne Buhagiar Fiott datata 7 ta' Diċembru 2020 meta iddikjarat li l-imputat kien temm il-proċess ta' rijabilitazzjoni tiegħu b'suċċess.

Semgħet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda tad-difiża;

Rat lil-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għall-każ ta' llum kienu s-segwenti:

Fid-9 ta' April 2012 il-Pulizija kuenu għaddejin fuq patrol min-naħa tal-Mosta u raw vettur suspettuża tal-għamla Peugeot 607 bin-numru ta' reġistrazzjoni GUL111. Peress li din il-vettura kienu jafu li tgħajjat lill-imputat huma bdew jiffolowjawha u baqgħu mexjin sal-Gżira fejn hemmhekk l-imputat ipparkja fil-ġenb quddiem il-KFC u hemmhekk waqaf jixtri u ġie arrestat. Dak iż-żmien l-imputat kien qed jiġi investigat fuq xi ħaġa oħra u saret tfixxija fil-vettura tiegħu kif ukoll fir-residenza tiegħu. Minn tfittxija instab li kellu erba' (4) pakketti tal-plastic li fihom kien hemm xi trab kannella suspettata droga, tlett (3) *mobile phones* u kontanti fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u erbgħin Ewro (€245).

Lill-imputat ittieħditlu stqarrija, ngħata lilu d-dritt li jkellem avukat qabel l-istqarrija, dritt illi l-imputat irrifjuta u l-istqarrija ttieħdet lagħda fl-10 ta' April 2012.

Id-difiża iddikjarat fil-verbal data 4 ta' Ġunju 2013 li s-sustanza eżebita hija fil-fatt herojina u għalhekk ma nħatarx espert biex jiddetermina x'tip ta' sustanza hi.

**Ikkunsidrat:**

Illi da parti tagħha, kif ingħad, id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga fit-termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex għal dan il-għan tressaq il-provi biex turi illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(2) tal-istess Kapitolu huma sodisfatti. Fil-fatt il-Qort laqgħet it-talba tad-difiża u ikkonvertiet ruħha f'Qorti tad-Droga permezz ta' digriet datat 13 ta' Marzu 2019.

Illi permezz tax-xhieda tar-Rappreżentant tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, il-Qorti ġiet informata li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni ta' l-imputat li ntemm b'suċċess.

**Ikkunsidrat:**

In linea preliminari din il-Qorti, fl-ewwel lok, ser tgħaddi sabiex tanalizza l-piż probatorju li hija għandha tagħti l-istqarrija irrillaxata mil-imputat fl-istadju investigattiv u ċioe' fil-*pre-trial stage.* L-imputat irrilaxxa stqarrija fl-istadju investigattiv u cioe' nhar l-10 ta' April 2012 u dan wara li Gatt ġie mogħti t-twissijiet u d-drittijiet spettanti lilu fil-liġi inkluż id-dritt ta' l-assistenza legali li dak iż-żmien li ttieħdet l-istqarrija (cioe' fis-sena 2012) kien limitat biss għal siegħa qabel jibda l-interrogatorju. L-imputat irrifjuta dan id-dritt.

Jingħad ukoll li mill-atti proċesswali jirriżulta li Gatt fl-ebda ħin ma ġie mogħti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija (li ma jista' qatt jiġi mqabbel mad-dritt tal-assistenza legali limitat għal qabel il-bidu ta' l-istqarrija). Minn analiżi tal-proċess ma jirriżultax li kien hemm xi raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mogħti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija tant li fil-fatt ġie offrut id-dritt limitat t'assistenza qabel l-istqarrija.

Madanakollu minn analiżi ta' l-istess atti proċesswali li ġew ikkumpilati fuq perjodu ta' madwar tnax-il sena, ma jirriżultax li l-imputat ilmenta dwar l-istqarrija u xhieda ġuramentata irrilaxxata minnu fid-dawl tal-fatt li huwa ma kienx assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu. Dan minkejja li waqt il-proċeduri ġudizzjarji huwa kien legalment assistit u kellu kull opportunita' li jagħmel dan. Huwa relevanti mill-atti proċesswali li l-imputat ikkopera mal-Pulizija waqt it-teħid ta' l-istqarrija tiegħu. Mill-qari ta' l-istess stqarrija jirriżulta li l-imputat f'istanzi inkrimina lilu nnifsu b'referenza għall-imputazzjoni miġjuba kontrih. Fil-fatt l-istarrija ta' l-imputat hija biss waħda[1] mill-provi iżda mhux dik il-prova unika jew esklussiva tal-prosekuzzjoni. L-imputat kellu ħamsa u tletin (35) sena meta seħħ ir-reat l-fatt li l-fedina penali tiegħu hija waħda kopjuża (u kellu reati oħra relatati mad-droga) ma jirriżultax li jeżistu xi kundizzjonijiet li minħabba fihom l-imputat ikun meqjus persuna vulnerabbli.

Stabblit dan, din il-Qorti qieset l-istess fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fl-insenjament mogħtifil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018[2], u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija f'dan ir-rigward mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[3]. Il-ġurisprdenza riċenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħmilha ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza t'avukat ma jwassalx bilfors għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, partikolarment il-jedd għal smigħ xieraq, fil-proċeduri ġudizzjarji ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu kontra dik l-istess persuna. Konsegwentament, il-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Jean Marc Dalli vs. Kummissarju tal-Pulizija et[4]**, irribadiet li:

---

[1] Emfażi ta' din il-Qorti

[2] Li riċentament issir referenza għalihom fis-sentenza mgħotija mill-QEDB fl-ismijiet Lalik vs. Poland, 11 ta' Mejju 2023

[3] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022); Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022), Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023), Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et (31.5.23).

[4] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2023

*"Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-overall fairness skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi Beuze v. Il-Belgju deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-QEDB fl-4 ta' Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova li l-fatt li r-rikorrent ma kellux il-possibilita' li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu."*

Fil-kawża **il-Pulizija vs Maximilian Ciantar** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu[5], fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali** et fuq ċitata, kif ukoll **Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali** et tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

*"Fil-każ tal-lum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu."*

B'hekk fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti f'dawn is-sentenzi, magħduda mal-fatt li l-qua imputat qatt ma ilmenta mill-istqarrija rillaxxata minnu, din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li hija għanda *ex officio* (mingħajr ebda talba mill-partijiet f'dan is-sens) tisfilza l-imsemmija stqarrija.

[5] Emfażi ta' din il-Qorti

Madanakollu fil-kunsiderazzjonijiet tagħha din il-Qorti ser tibaża u tagħmel referenza iktar ampja għal provi l-oħra mressqa mill-prosekuzzjoni[6].

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-imputat jinsab akkużat bir-reat tal-pussess aggravat ta' l-herojina.

Jirriżulta mill-atti proċesswali li l-herojina in kwistjoni instabet fir-residenza ta' l-imputat. L-imputat mill-ewwel jammetti fl-istarrija meta xtara l-heroija, kemm xtraha u kemm fiha bħala piż. Hu jgħid li ilu jieħu l-herojina għal dawn l-aħħar tlett snin u jieħu daqs gramma kuljum u jaqsamha fi tlett dożi. Hu jgħid li t-tlett iqratas li l-Pulizija elevaw mir-residenza tiegħu inxtaw ġurnata qabel u fihom gramma u nofs u xtrahom għal erbgħin Ewro (€40). Huwa jagħti spjegazzjoni lil-kontanti kienu l-flus li għad baqgħalu mill-paga għax huwa kien jaħdem. Huwa minnu li mill-estrazzjoni tal-messaġġi mill-*mobile phone* jidher li hemm xi nies qed jistaqsuh għal xi ħaġa izda dan ma jirriżultax x'inhu l-oġġett li qed jistaqsu għalih. Mill-provi u senjatament mill-istqarrija jirriżulta li l-imputat kien jieħu gramma heroijna kuljum, u mill-provi jirriżulta wkoll li d-droga li nstabet fir-residenza ta' l-imputat kienet ta' gramma u nofs. In vista tal-fatt li ma jirriżultawx oġġetti oħra li juru li d-droga ma kenitx għall-użu personali ta' l-imputat, il-Qorti tqis li din id-droga kienet fil-pusess ta' l-imputat biex tintuża minnu personali.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Illi kwantu jirrigwarda l-addebitu tar-reċidiva dan ġie ippruvat billi l-prosekuzzjoni ippreżentat żewġ sentenzi bil-konnotati ta' l-imputat u konfermati bil-ġurament ta' l-uffiċjal prosekutur, waħda deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) fil-11 ta' Ġunju 2009 u oħra deċiża fil-5 ta' Ottubru 2009.

Madanakollu tenut kont dak indikat hawn fuq il-Qorti qegħda tagħmel referenza għall-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:

[6] Emfażi ta' din il-Qorti

*"1) Fejn akkuża ta' ksur tal-liġijiet dwar id-droga tikkonsisti f'akkuża ta' pussess ta' droga projbita li ma tkunx id-droga kannabis, fi kwantità ta' anqas minn żewġ grammi jew ta' żewġ pilloli tad-droga 'ecstacy' jew ta' żewġ pilloli projbiti oħra, irrispettivament mill-purità, f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed raġonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex għall-użu personali tal-persunali għandha l-pussess tagħha, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, umeta tinsab ħatja mill-Kummissarju għall-Ġustizzja assenjat mill-Ministru sabiex jisma' każijiet dwar reati ta' droga teħel penali bejn ħamsa u sebgħin euro (€75) u mija u ħamsa u għoxrin euro(€125):"*

In vista tal-kostatazzjonijiet magħmula hawn fuq u in vista tal-fatt li l-Qorti qed tikkonkludi li d-droga li instabet fil-pussess ta' l-imputat kienet għall-użu personali, l-Qorti sejra tapplika dan il-provvediment meta se timponi l-piena.

Oltre dan il-Qorti tirrileva illi l-imputat temm ir-rijabilitazzjoni tiegħu b'suċċess.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikolu 4 tal-Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta u Taqsima IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Liġi Sussidjarja 101.02, u l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat David Gatt ħati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu b'dan li l-Qorti tikkonkludi li d-droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li kienet għall-użu personali tiegħu u tikkundanna lill-ħati għal penali ta' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€125).**

**Tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita fid-dokument Dok JF3, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**